**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 21 ta’ Gunju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Kyle Lautier**

**Kum Nru : 695/2020**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kyle Lautier detentur tal-karta ta' l-identita 163093M, fejn gie akkuzat talli nhar l-5 ta’ Diċembru, 2020 ghal ħabta ta’ 17:20hrs u fis-sieghat u/jew fil-ġranet u/jew gimgħat u/jew xhur ta’ qabel ġewwa Birżebbuġia u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b’rizoluzzjoni wahda

1. Ikkaġuna lil eks sieħba tiegħu u ċioe' **Angie Grixti**, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-prezenza ta' l-imsemmi minuri

2. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lil **Angie Grixti**, taghmel xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Kyle Lautier** a benefiċju ta' **Angie Grixti** u 'l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' **Angie Grixti** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Kyle Lautier** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq,

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru 2020 (ara *folio* 24).

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2021 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u l-insistenza f'din l-ammissjoni anki wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat f'tali udjenza fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena/sanzjoni.

Qieset li nvista ta' din d-dikjarazzjoni ta' l-imputat, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduci, ghajr dik l-evidenza dokumentarja esebita.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta` sanzjoni l-Qorti qieset is-segwenti fattur rizultanti.

1. Is-serjeta` ta` l-imputazzjonijiet migjuba;

2. L-ammissjoni bikrija ta` l-imputat;
3. Izda fuq kollox il-*pre-sentencing inquiry report* ta` l-ufficjal tal-probation Glen Grixti u d-depozizzjoni tieghu moghtija fl-udjenza ta` llum stess. Dawn ghandhom piz sostanzjali f'dan l-istadju tal-kontemplazzjoni ta' x'ghandha tkun l-ahjar sanzjoni f'dan il-kaz.

A bazi ta` dan kollu, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat, huwa kandidat tajjeb sabiex jinghata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra sanzjoni alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni dettaljata moghtija dwar l-imputat fir-rapport/depozizzjoni gia hawn fuq imsemmija, li l-imputat ghandu jinghata ordni ta' *probation* flimkien ma ordni ta` trattament, liema sanzjoni, fil-fehema ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputat (li jinghata direzzjoni u jkollu fuqu kontroll) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehema ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputat, Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu huwa jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu, kif ukoll Ordni ta' trattament. B'hekk ikun jista' jigi zgurat li l-imputat jinghata gwida adekwata, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi.

**Konkluzjoni.**

1. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 251A, 222(1), 251H, 251HA u 202 tal-Kap 9 u l-Artikolu 49 (a)(b)(c) tal-Kap 399, ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u minflok piena, **tordna** li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

   Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

2. **Ordni skond l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

   Bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qeghda bil-prezenti taghmel Ordni ta` trattament fil-konfront tal-hati **Kyle Lautier** u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett (3) snin, li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat, skond il-pjan imfassal mill-professjonisti u skond id-direzzjonijiet tal-ufficju tal-probation;

   Il-Qorti fissret lil **Kyle Lautier** fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jikser l-ordni ta' trattament impost fuqu.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu

trasmessi minnufih lid-Direttur *Probation and Parole* sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Kyle Lautier.

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' Angie Grixti u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Kyle Lautier billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Kyle Lautier milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil Kyle Lautier milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur